# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 272/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**TC**

**vs**

**RM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' TC, datat 23 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat RM u minn din ir-relazzjoni twieldu tlett itfal bl-ismijiet S, K u C u dan skond l-annessi certifikati tat-twelid immarkati Dok "A "B: u :C;*

2. *Illi l-missier irkononoxxa it-tfal minuri;*

3. *Illi minkejja l-medjazzjoni l-intimat xorta ma riedx jaghti ebda manteniment;*

4. *Illi l-medjazzjoni illum inghalqet u giet awtorizzata sabiex tipprocedi bil-kawza u dan skond l-anness dok "D";*

5. *Illi l-esponenti ghandha bzonn manteniment sabiex tmanti lit-tlett uliedha*

6. *Illi l-esponenti qieghda trabija it-tfal wahedha*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna li l-esponenti jkollha l-kura u l-kustodja tat-tfal esklussivament*

2. *Tiffissa manteniment adekwat sabiex l-esponenti tkun tista tghajjex lit-tfal adeqwament; kif ukoll tordna li jhallas l-ispejjes edukattivi u tas-sahha;*

3. *Tordna li l-intimat jhallas manteniment bl-lura.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' RM, datata 15 ta' Novembru 2018, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok, u dan a rigward tal-__**ewwel (1) talba tar-rikorrenti attrici**__, fejn din talbet illi tigi vestita bil-kura u l-kustodja tal-minuri tal-partjiet, b'mod esklussiv, l-intimat umilment jisottometti illi din it-talba ghandha tigi* __**MICHUDA**__ *u dan billi din l-Onorabbli Qorti tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun kongunta bejn iz-zewg partijiet, u dan a bazi tal-fatt illi ma hemm ebda raguni valida ghalfejn il-kura u l-kustodja ma tkunx wahda kongunta;*

2. *Illi fir-__**rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici**__, l-intimat jirrileva illi huwa JAQBEL illi ghandu jkun obbligat jivversa manteniment xieraq versu uliedu minuri, u dan stante illi huwa ben konxju mill-fatt illi dan huwa obbligu tieghu bhala missier tal-istess minuri,* **pero** *ma jaqbilx illi hu ghandu jaghti l-manteniment ta' b'lura. Illi fir-rigward tal-ispejjez ordinarji u extraordinarji medici u edukattivi tal-minuri huwa jaqbel illi huwa ghandu jhallashom u biss wara illi gie kkonsultat fuq tali spejjez u muri d-debita ircevuta. Illi l-ammont ta' manteniment dovut ghandu jigi kkalkolat in vista tal-fatt li wiehed irid jikkonsidra kemm id-dhul tieghu, kif ukoll l-mezzi finanzjarji tieghu* __**U**__ *l-bzonnijiet tal-minuri uliedu. Illi dan qed jigi sottomess ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-artikolu 20(1) li jistabilixxi propju illi l-*

*manteniment hekk iffissat ghandu jigi ordnat skond il-bzonn ta' min qed jircevieh u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*Illi inoltre l-intimat jirrileva illi prezentament huwa qieghed bla impjieg fejn mhuwiex jippercepixxi salarju fiss u ghalhekk il-manteniment dovut ghandu jkun rifless tas-sitwazzjoni prezenti.*

*Ghalhekk, l-intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt illi* ***TILQA*** *t-talba attrici in parte u b'hekk* ***TORDNALU*** *jhallas manteniment xieraq versu uliedu minuri,* ***TICHAD*** *l-parti l-ohra tat-talba fil-parti fejn l-attrici talbet illi jinghata l-manteniment b'lura u dan peress illi huwa diga kien qed jivversa ammonti ghal bzonnijiet ta' uliedu minuri.*

3. *Illi inoltre l-imtimat qieghed jitlob illi din l-Onorabbli Qorti ghandha* ***TAKKORDALU*** *access xieraq versu uliedu, dejjem fl-interess suprem tal-istess minuri li certament ghandhom bzonn il-prezenza tal-intimat missierhom f'hajjithom.*

   *Illi f'dan ir-rigward l-intimat umilment jisottometti illi l-access akkordat lilu versu l-minuri ghandu jinkludi sighat matul il-gimgha, sleep over fi tmiem il-Gimgha (weekends), b'zieda mal-hinijiet stipulati, kull meta l-minuri jkun bil-vaganzi; kif ukoll takkordalu access f'Jum il-Milied, Lejliet il-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u Lejliet l-Ewwel tas-Sena, l-Ghid il-Kbir, kif ukoll f'gheluq snin il-minuri, gheluq snin il-missier, f'Jum il-Missier, u anke fil-btajjel Pubblici;*

4. *Illi a rigward tat-****tielet (3) talba attrici****, l-intimat jisottometti illi galadarba l-minuri ibni jirresjedi mar-rikorrenti, huwa ma ghandu l-ebda ogezzjoni illi hija tippercepixxi l-beneficcji socjali u/jew ghajnuna socjali u ghaldaqtant qed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward;*

   *Salv risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;*

   *Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti attrici;*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' RM, datata 15 ta' Novembru 2018, a fol 15;

Rat id-digriet provizorju taghha, datat 21 ta' Novembru 2018, fejn ordnat illi l-intimat jibda jghaddi l-manteniment ghal tlett uliedu fl-ammont ta' 400 Euro fix-xahar (vide fol 17, verbal);

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija sentenza rigward il-kura u kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u l-manteniment li ghandu jkun pagabbli ghalihom mill-intimat.

Jirrizulta li l-partijiet kellhom relazzjoni, mill-liema relazzjoni twieldu l-minuri S, K u C, li ghandhom X snin, Y snin u Z snin rispettivament. M'huwiex kontestat illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat, u l-minuri prezentement jirrisjedu ma' ommhom ir-rikorrenti.

**Rigward il-kura u kustodja tal-minuri**

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din ix-xorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:[1]

[1] Rik. Gur. 39/17

"***Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."***"

Il-Qorti rat illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2019, il-partijiet, assistiti mill-avukati difensuri taghhom, qablu illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dan illi ir-rikorrent tista' tiehu wahedha biss decizjonijiet ta' natura ordinarja rigward it-tfal, filwaqt illi decizjoniet ta' natura straordinarja rigward it-tfal ghandhom jittiehdu b'mod kongunt bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi l-partijiet qablu fl-istess verbal illi l-access li l-intimat ghandu jkollu ma' uliedu ghandhu jkun wiehed liberu. Il-partijiet qablu illi dan l-access generalment jigi ezercitat mill-missier kull nhar ta' Hadd bejn nofsinhar (12.00pm) sas-sebgha (7.00pm) ta' filghaxija, u li apparti minn dan, ghandu jkun hemm access iehor matul il-gimgha bi ftehim bejn il-partijiet.

**<u>Rigward il-manteniment pagabbli mill-intimat</u>**

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

"***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***"

Il-Qorti rat illi l-intimat iddikjara illi huwa dizokkupat u li wkoll m'ghandu l-ebda beneficcju socjali tar-registrat. Izda kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet:

"***...il-Qorti dejjem irritjeniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm***

> ***hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.***"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Frar 2015 fejn inghad, u gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2016 illi l-Qorti m'ghandiex "***tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul…li kapaci jiggenera.***"

Wara li rat id-digriet provvizorju taghha tal-21 ta' Novembru 2018, il-Qorti tqis illi l-manteniment pagabbli mill-intimat ghall-minuri ghandu jkun fis-somma ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar, u dan oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri S, K u C ahwa M tkun fdata unikament f'idejn ir-rikorrenti, b'dan illi ir-rikorrent tista' tiehu wahedha biss decizjonijiet ta' natura ordinarja rigward it-tfal, filwaqt illi dawk id-decizjoniet ta' natura straordinarja ghandhom jittiehdu b'mod kongunt bejn il-partijiet;**

2. **Takkorda lill-intimat access liberu versu l-istess minuri bi ftehim bejn il-partijiet, b'dan illi, <u>meta ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet rigward l-access</u>, l-access tal-missier ghandu jigi ezercitat:**
   - i. **Nhar l-Erbgha bejn il-hamsa ta' filghaxija (5.00p.m.) u s-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m);**
   - ii. **Il-Hadd bejn nofsinhar (12.00 pm) u s-sebgha ta' filghaxija (7.00 pm), u ghandu jkun l-intimat illi jmur ghat-tfal, u jirritornhom lura ghand ommhom fi tmien l-access;**
   - iii. **Waqt il-vaganzi tas-sajf ghandu jkun hemm access ukoll nhar ta' Tnejn u nhar t'Erbgha bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) u s-sebgha ta' filghaxija (7.00pm);**

iv. **Fil-gurnata ta' gheluq snin l-intimat u f'Jum il-Missier, il-minuri ghandhom iqattghu il-gurnata ma' missierhom;**

v. **L-intimat ghandu jkollu access ma' uliedu fil-granet tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena b'mod alternattiv:**

- **Sena wahda f'Lejliet il-Milied, u fl-Ewwel tas-Sena mill-ghaxra ta' filghodu (10.00a.m.) sal-erbgha (4.00p.m.), u sena ohra fil-Milied u f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena bl-istess hinijiet, b'dan illi l-access f'dawn il-granet ghandu jigi ezercitat f'din is-sena 2019 f'Lejliet il-Milied, u fl-Ewwel tas-Sena.**

vi. **Fl-ezercizzju tal-access il-missier ghandu, f'kull kaz, jigbor lill-minuri minn dahar ommhom u jirriturnahom fl-istess fond fl-gheluq il-hin tal-access;**

3. **Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat ihallas bhala manteniment ghall-imsemmija minuri s-somma ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni;**

4. **Tordna illi kwalunwke beneficcju socjali jew ghajnuna socjali relattivi ghall-minuri imsemmija ghandha tigi ppercepita unikament mir-rikorrenti;**

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, stante nuqqas ta' provi.**

**Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**